

(2) *Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, interpretata fis-sens li l-membri ta' konsorzju li jagħmel offerta fi proċedura għall-ġhoti ta' kuntratt pubbliku huma preklużi mill-possibbiltà li jitolbu, fuq bażi individwali, kumpens għad-dannu li huma jkunu sostnew individwalment bħala riżultat ta' deċiżjoni adottata minn awtorità, li ma tkunx l-awtorità kontraenti, involuta f'din il-proċedura skont ir-regoli nazzjonali applikabbli, u li hija ta' natura li tinfluwenza l-proseguwiment tagħha.*

(¹) ĠU C 142, 07.06.2008.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Bundesgerichtshof — il-Ġermanja) — Centrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs eV vs Plus Warenhandels-gesellschaft mbH

(Kawża C-304/08) (¹)

(Direttiva 2005/29/KE — Prattiki kummerċjali żleali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-prinċipju tal-prattiki kummerċjali li jissuġġettaw il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi f'loġhob bi premju għall-akkwist ta' prodott jew ta' servizz)

(2010/C 179/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Centrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs eV

Konvenuta: Plus Warenhandels-gesellschaft mbH

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesgerichtshof — Interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, p. 22) — Prattika kummerċjali li tgħaqqad il-bejgħ ta' merkanzija ma' loġhba promozzjonali

li tippermetti lill-klijent li jipparteċipa għal tluġh tal-lottu nazzjonali meta jkun akkumula ċertu numru ta' punti ta' bonus miksuba max-xiri ta' merkanzija — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tgħid li prattika kummerċjali li tagħmel il-parteċipazzjoni ta' konsumaturi għal kompetizzjoni promozzjonali jew loġhob bi premju promozzjonali suġġetta għax-xiri ta' prodott jew ta' servizz hija bħala prinċipju illeċita, indipendentement minn jekk il-miżura promozzjonali konkreta taffettwax l-interessi tal-konsumaturi.

Dispożittiv

Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali) għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi għall-projbizzjoni tal-prinċipju, mingħajr ma jittieħed kont ta' ċirkustanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni, tal-prattiki kummerċjali li jissuġġettaw il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi f'kompetizzjoni jew f'loġhob promozzjonali għax-xiri ta' prodott jew ta' servizz.

(¹) ĠU C 247, 27.09.2008

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-20 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-308/08) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 93/43/KEE — Konservazzjoni tal-habitat naturali — Fawna u flora selvaġġa — Sistema ta' ħarsien qabel ma habitat jitniżżel fil-lista ta' siti ta' importanza għall-Komunità — Artikolu 12(4) — Proġett ta' bini ta' triq rurali)

(2010/C 179/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u D. Recchia, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, aġent)